**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 25 ta' Gunju 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**Spettur Marthese Micallef**

**Vs**

**Spiridione D'Amato**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Spiridione D'Amato ta' 30 sena, iben Carmelo u Josephine xebba Camilleri, imwieled Sta. Lucia nhar it-2 ta' Gunju 1970 u residenti No. 4, Triq it-Tigrija, Marsa u li ghandu l-karta tal-identita' 242570 M;

Talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

a) fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' April 2001, gewwa l-Marsa ikkommetta serq ta' mitt lira maltin (LM100) fi flus u diversi oggetti (telephones), liema serq hu kwalifikat, bil-hin, mezz u valur li jaccedi mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000), ghad-detriment tal-kumpanija Quality Meat;

b) fil-lejl ta' 12 ta' Mejju 2001, gewwa l-Marsa ikkommetta serq ta' computer ta' ghamla AST, liema serq hu kwalifikat bil-hin, mezz u valur li jaccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin, ghad-detriment tal-kumpanija Quality Meat;

c) fil-lejl ta' 13 ta' Mejju 2001, gewwa l-Marsa ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' hames mitt lira maltin (Lm500) liema serq hu kwalifikat bil-hin, mezz u valur li jaccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1000), ghad-detriment tal-kumpanija Quality Meat;

d) talli nhar l-14 ta' April 2001 u xhur ta' wara f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

e) Talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) nhar id-29 ta' Jannar 2001, 5 ta' Mejju 2000 u 30 ta' Marzu 1991 rispettivament, liema sentenza saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

f) Talli kiser erba' provvedimenti ta' Art 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (malta) fil-5 ta' Mejju 2000, 3 ta' Ottubru 2000, 26 ta' Frar 2001 u 29 ta' Jannar 2001 b'liema sentenzi kien gie misjub hati u liberat that kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin u sentejn rispettivament.

Wara illi l-Qorti semghet lid-difiza, qeghda tilliberah mill-akkuza D;

U wara illi semghet lid-difiza dwar ir-rieda tal-imputat illi jissottometti ruhu ghall-kura mid-droga;

U wara illi l-Qorti semghet lill-partijiet u rat l-Artikoli 261, 262, 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269, 270, 271, 272, 273, 274, 275, 276, 277, 278 u 279 u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja tal-imputat fl-akkuzi a, b u c, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati ta' kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda tikkundanna lill-istess imputat Spiridione D'Amato ghal tmintax-il-xahar (18) prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi huwa ghamel that arrest preventiv, u dan b'suggeriment qawwi lil-Direttur tal-Habs, sabiex jikkura ruhu minn dan il-vizzju.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.